**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Ottubru, 2016

Rikors Nru : 250/16 AL

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-esponenti zzewweg lil C D fit-22 ta' Settembru 2001 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Guzepp, l-Imsida, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, hekk skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A;**

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhom l-ebda tfal;

Illi l-partijiet hawn fuq imsemmija sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Reuben Debono datat 1 ta' Ottubru 2009 hekk skond il-kuntratt hawn anness u mmarkat **Dokument B** u

ghaldaqstant il-partijiet ilhom isseparati legalment ghal aktar minn erba' snin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-esponenti qieghed jigguramenta dan ir-rikors li ghandu jigi meqjus bhala l-affidavit tieghu ghad-divorzju li hu jixtieq jitraprendi ai termini tal-Ligi Maltija;

Illi m'hemmx obbligu ta' manteniment reciproku kif jirrizulta mill-istess kuntratt;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma :

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet fil-kawza de quo huma separati de jure permezz ta' att pubbliku datat l-1 ta' Ottubru 2009;
2. Illi l-esponenti tikkonferma illi huma m'ghandhomx tfal u m'hemm l-ebda pendenzi bejniethom;
3. Illi l-esponenti tikkonferma li ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw;
4. Illi ghaldaqstant l-esponenti taqbel mat-talbiet tal-attur kif dedotti fir-rikors promotur, dment li kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dina l-procedura;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta' Ottubru 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.